MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 761/2005

**John Scicluna bhala Chairman ghan-nom u *in rappresentanza* tal-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Theresa Ciancio**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti *Maltacom plc* ippremettiet illi:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 124/92AJM) giet deciza min din il-Qorti fit-2 ta' April, 1993, kif konfermata permezz ta' digriet tal-Imhallef Ray Pace datat 30 ta' Novembru, 1999 (skond Dok A) u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni

Telemalta s-somma ta’ Lm321.70 (tlett mija wiehed u ghoxrin liri maltin u sebghin centezmu), somma rimanenti minn somma akbar, *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 680057 li kien installat fil-fond numru *173, Point Street, Isla,* bl-imghax u bl-ispejjez.

Is-socjeta’ *Maltacom p.l.c.* illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta’ rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, *oltre* Lm98.49 (tmienja u disghin liri maltin u disgha u erbghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“B”* kif ukoll Lm304.54 (tlett mija u erbgha liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm724.73 (sebgha mija erbgha u ghoxrin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimata li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas ma dehret fl-udjenza biex tikkontesta t-talba tar-rikorrenti u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------